ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 28/14**
***Kienet addottata Aġenda nru. 23/2014***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 6 ta' Marzu 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Sindku, is-Sur Mario Cassar kien skużat.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 27/14 U LAQGĦA URĠENTI TAD-19 TA' FRAR 2014</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 27/2014 u Laqgħa Urġenti tad-19 ta' Frar 2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 27/14 U LAQGĦA URĠENTI TAD-19 TA' FRAR 2014

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 47/14

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 47/2014 tat-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Komunikat mibgħut mill-Gozo Action Group Foundation dwar il-ħruġ tal-offerti fir-rigward ta' proġetti mill-M125 it-tieni sejħa. Il-Kunsill Lokali qabel li jagħmel is-sejħa għall-offerti għal kisi bil-konkos ta' Triq Ħabel it-Twil.

Ittra mibgħuta mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex dwar viżta uffiċjali minn Sindki ġewwa Emilia Romagna bejn is-16 u d-19 ta' Marzu. Il-Kunsill approva li s-Sindku jagħmel parti mid-delegazzjoni.

Ittra mibgħuta mill-NSTF Science dwar Science Art Contest f' Għawdex. Il-Kunsill approva x-xiri ta' ktieb biex jingħata lir-rebbieħ mill-lokalita` fl-*awards night*.

Ittra tad-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa dwar taħditiet fuq is-saħħa fil-kommunita`. Il-Kunsill approva ħlas ta' €36 bħala spejjeż ta' vjaġġar lill-kelliema.

Ittra mibgħuta mill-Gozo Greyhounds – Youth Athletic Club dwar il-programm Gozo Clean & Green 2014. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-programm.

Dwar is-sejħa għall-offerti għal tqattiegħ ta' blat fi Triq Ħabel it-Twil, ġie deċiż li din ma ssirx għalissa.

Ittra mibgħuta mill-eks Sindku Carmelo Saliba fejn irrifonda l-onorarja żejda li kienet ingħatatlu fl-2010. Il-Kunsillier Camilleri qal peress li Saliba injora d-direttiva li jgħaddi pagament kull xahar u jħallas l-ammont sħiħ sa Diċembru 2013, Saliba għandu jħallas l-imgħaxijiet fuq l-ammont.

Ittra mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilita` u Anzjanita` Attiva dwar kompetizzjoni annwali ġdida bi premju ntitolat A+

Accessibility Award. Il-Kunsill iddeċieda li japplika bi proġett għal fuq il-Bajja ta' Marsalforn – issir konsultazzjoni mal-Perit.

Petizzjoni minn għadd ta' bdiewa dwar l-istat tat-triq tal-Wied tal-Għazz.

Komunikat tal-Perit Scerri dwar ix-xogħol tat-tarmak li sar fi Triq il-Ponta.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 21/2014 – DOK A għall-perijodu bejn l-24 ta' Jannar 2014 u t-28 ta' Frar 2014 kienet approvata.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### PROVVISTA U ĠARR TA' *LIGHT FITTINGS* GĦAL TRIQ MONS DE PIRO

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet sottomessa kwotazzjoni waħda għal provvista u ġarr ta' *light fittings* għal Triq Mons De Piro. Qalet li l-kwotazzjoni hija ta', bil-valur ta':

| | | |
|---|---|---|
| Calleja Ltd | Opt A | €703.95 |
| | Opt B | €331.65. |

Il-Kunsill għażel Opt A ta' Calleja Ltd peress li kienu l-unika addattata għal ġol-pilastri u ddeċieda li dawn il-*light fittings* jitwaħħlu minn Camilleri & Mifsud.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill iddikjara li ma qabilx mad-diskors li ntqal mir-rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-*Youth Spot.*

Il-Kunsill qabel li:

- tinbidel iċ-ċavetta tal-bieb prinċipali tal-*Youth Spot*.
- jorganizza ħarġa għal Malta nhar il-31 ta' Marzu '14 u ħarġa f' Għawdex bit-trejn nhar it-12 ta' Marzu '14.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill aġġorna għat-Tlieta, 11 ta' Marzu 2014 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |